## MIBGĦUTIN BIEX INĦABBRU S-SLIEM

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.**
**Is 66, 10-14c**

Ifirħu lil Ġerusalem, u thennew biha,
intom ilkoll ħbieb tagħha!
Aqbżu bil-ferħ,
intom ilkoll li qsamtu swied il-qalb magħha!
Hekk intom terdgħu u tixbgħu
minn sider il-faraġ tagħha:
Terdgħu u titgħaxxqu
minn sider is-sebħ tagħha.
Għaliex dan igħid il-Mulej:
Arani! Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara,
u bħal xmara tfur il-ġid tal-ġnus.
It-trabi tagħha fuq id-dirgħajn jintrefgħu,
u jżiegħlu bihom fuq l-irkobbtejn.
Bħalma omm tfarraġ lil binha,
hekk jiena nfarraġ lilkom,
U f'Ġerusalem titfarrġu.
Taraw u tifraħ qalbkom,
u għadamkom bħal ħaxix iħaddar;
u jagħarfu fil-qaddejja tiegħu id il-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 65**
**Għajtu bil-ferħ lil Alla.**

Għajtu bil-ferħ lil Alla, intom ilkoll fl-art,
għannu s-sebħ ta' ismu,
kabbru s-sebħ ta' foħritu.
Għidu lil Alla: Kemm huma sbieħ l-opri tiegħek.

**R/. Għajtu bil-ferħ lil Alla**

L-art kollha tagħtik qima,
tgħannilek, tgħanni lil ismek.
Ejjew u araw l-għemejjel ta' Alla,
tal-għaġeb f'għemilu fost il-bnedmin!

**R/. Għajtu bil-ferħ lil Alla.**

Biddel il-baħar fi nxif,
bil-mixi qasmu x-xmara.
Meta nifirħu bih!

Hu jsaltan bil-kobor tiegħu għal dejjem!

**R/. Għajtu bil-ferħ lil Alla.**

Ejjew, isimgħu, u ngħidilkom,
intom ilkoll li tibżgħu minn Alla,
Ngħidilkom x'għamel miegħi
Imbierek Alla
Li ma warrabtx it-talba tiegħi
u t-tjieba tiegħu minni.

**R/. Għajtu buil-ferħ lil Alla.**

**IT-TIENI QARI**
**Għeluq l-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin.**
**Gal 6, 14-18**

Ħuti: Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesu' Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jiena għad-dinja. Għaliex, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta siwi, imma jiswa biss li nkunu ħolqien ġdid. U dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena fuqhom, kif ukoll fuq Israel ta' Alla.
Mil-lum 'il quddiem, qisu li ħadd iktar ma jħabbatni, għax jien f'ġismi nġib il-marki ta' Ġesu'. Il-grazzja ta' Sidna Ġesu' Kristu tkun ma' l-Ispirtu tagħkom, ħuti. Amen.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna
u 'l dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jkunu wlied Alla.
**Hallelujah**

**✠L-EVANĠELJU**
**(Is-silta bejn il-parentesi tista' ma tinqarax.)**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 10, 1-12, 17-20**

F'dak iż-żmien: Il-Mulej qabbad tnejn u sebgħin oħra u bagħathom tnejn tnejn qablu f'kull belt u post fejn kien se jmur hu. U qalilhom: "Il-ħsad huwa kbir, tassew, imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela 'l sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu. Morru! Araw, qiegħed nibagħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup. Teħdux magħkom, la but, la ħorġa u anqas qrieq, u fit-triq issellmu 'l ħadd. Fid-dar fejn tidħlu, l-ewwel għidu, 'Sliem lil din id-dar; U jekk fiha jkun hemm bin is-sliem, jistrieħ is-sliem tagħkom fuqu; jekk le, it-tislima tagħkom terġgħalkom lura għandkom.
Ibqgħu għand dik il-familja, u kulu u ixorbu milli jkollhom huma, għax il-ħaddiem ħaqqu ħlasu. Toqogħdux idduru mingħand familja għal oħra. F'kull belt li fiha tmorru u jilqgħukom, kulu dak li jqegħdulkom quddiemkom: fejqu l-morda tagħha, u lin-nies

għidulhom, "Is-Saltna ta' Alla waslitilkom''.
(Imma l-belt li fiha tidħlu u ma jilqgħukomx oħorġu fil-pjazez tagħha u għidu, 'Sa t-trab ta' beltkom li weħel ma' riġlejna nfarfru, u nħalluh għalikom. Imma kunu afu dan: is-Saltna ta' Alla waslet.' Ngħidilkom li f'dak il-jum Sodoma tkun tiflaħ tissaporti iżjed minn dik il-belt.''
It-tnejn u sebgħin reġgħu lura ferħana jgħidu: "Mulej, ukoll ix-xjaten joqogħdu għalina minħabba f'ismek!'' Iżda hu qalilhom:
"Iva, jien kont narah lix-xitan qisu berqa li taqa' mis-sema. Araw, tajtkom is-setgħa li tirfsu fuq sriep u skorpjuni u fuq kull qawwa tal-għadu, u żgur li ma jagħmlulkom ebda ħsara. Madankollu mhux b'dan ifirħu, jiġifieri li l-ispirti joqogħdu għalikom, imma ifirħu għax għandkom ismijietkom miktuba fis-smewwiet.'')

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**